**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA

TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 53 – IL-ĠIMGĦA 20 TA' MARZU 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fl-4:30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjura Georgette Borg – Assistant Principal | |

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

**1.1** Inqraw il-Minuti tal-laqgħa nr 52 li saret nhar il-Ġimgħa 15 ta' Frar 2013. Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjura Magda Magri Naudi, dawn ġew approvati unanimament.

## 2. JUM IL-ĦELSIEN

**2.1** Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq il-bukkett tal-fjuri li l-Kunsill kien jordna għal okkażżjoni ta' Jum il-Ħelsien.

**2.2** Is-Sinjorina Farrugia qalet li minn żewġ leġislaturi l'hawn ilu dan il-bukkett ma baqax jiġi ordnat u staqsiet jekk il-Kunsill huwiex ser jibqa' bl-istess deċiżjoni.

**2.3** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris qal li Jum il-Ħelsien hija l-Festa ta' kulħadd.

**2.4** Il-Kunsilliera qablu li l-bukkett tal-fjuri ħomor u bojod ser jiġu ornati mingħand is-Sur Emmanuel Cutajar ta' Ħal Lija u ser jieħu ħsiebu Dr. Marc Sant.

**2.5** Jum il-Ħelsien għal din is-sena ser tiġi ċelebrata nhar is-Sibt 23 ta' Marzu 2013 peress li 31 ta' Marzu ser jaħbat lejliet l-Għid il-Kbir.

## 3. GREEN PAK

**3.1** Is-Sinjura Magda Magri Naudi, Viċi Sindku u Dr. Marc Sant staqsew fuq il-proġett tal-Green Pak u li anke ghandu jinġabar il-ħġieġ minn kull household.

**3.2** Is-Sinjura Georgette Borg qalet li kienet tkellmet mas-Sur Kurt Scerri Tal-Green Pal fejn hu spjega li l-borża s-sewda ser tinġabar kull meta jinġabar il-ħġieġ

**3.3** Il-ħġieġ ser jinġabar kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar.

## 4. MISCELLANEOUS

**4.1** Dr. Marc Sant qal li t-tabella ta' 'No Parking Except for Residents' fi Triq Preziosi ma twaħħlitx fejn kien iddeċieda l-Kunsill.

**4.2** Is-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li dawn is-signs saru lejliet elezzjoni u kien hawn ħafna tgergir.

**4.3** Hija kompliet tistaqsi fuq iz-zebra Crossing li saret quddiem Dr. Micallef Hawkes fi Triq Il-Forn peress li dawn qatt ma gew approvati mill-Kunsill.

**4.4** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris qal li hu kien iċempel lis-Sinjura Audrey Testaferrata De Noto ta' Transport Malta fuq il-Yellow Lines tas-Sur Joseph Mangion u hija qalet lis-Sindku biex jibatilha e-mail u jibghat cc lill Pulizija..

**4.5** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris qal li l-yellow lines tas-Sur Joseph Mangion saru mit-Transport Malta kif ukoll iz-Zebra Crossings ta' Triq Il-Forn u Triq Sant'Andrija.u li permess tagħhom tneħħew żewġ parking spaces.

**4.6** Is-Sinjura Magda Magri Naudi, qalet li għandha tiltaqa' mas-Sur hugh Arnet nhar il-Ħamis 21 ta' Marzu 2013 biex jew isir sanzjoni fuqhom jew naraw x'ser jgħidilna.

**4.7** Is-Sinjura Georgette Borg ressqet ukoll il-minuti tal-Laqgħa tar-Residenti fejn ir-residenti ressqu l-ilmenti tagħhom.

**4.8** Il-Kunsill qabel unanimanet li dawn l-ilmenti għandhom jitressqu fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill il-ġdid.

**4.9** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris qal li l-uffiċċju tiegħu irid ikun miftuħ għal kull Kunsillier u jintuża minn kull Kunsillier.

**4.10** Is-Sinjura Georgette Borg ressqet ukoll lista ta' ilmenti li r-residenti ressqu fuq is-signs ta' 'No parking Except for Residents' li twaħħlu reċentament.

**4.11** Dawn ser jiġu diskussi ukoll fil-laqgħa tal Kunsill li jmiss..

**4.12** Dr. Marc Sant staqsa min naddaf il-weraq wara li sar iż-żbir tal-Kappella tas-Salvatur il-Qadim?

**4.13** Is-Sinjura Georgette Borg qalet li dawn ġabarhom min għamel iż-żabra, is-Sur Salvu Borg tal-Parisio Nursery, dan kien inkluż fil-prezz.

## 5. DELEGI TAL-KUNSILLIERA L-ĠODDA

**5.1** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris qal li ser jiltaqa' ma' Dr. Marc Sant biex jiddiskuti d-delegi.

**5.2** Is-Sinjorina Lorraine Farrugia issugerit li l-Kunsill għandu jara xi delegi ħatru Kunsilli oħra.

**5.3** Għalhekk is-Sindku qal li meta jiltaqa' mas-Sur Marc Sant ser jiddiskuti id-delegi li kien hemm ezisteni qabel, u ser jaraw ukoll x'hemm jew x'm'hemmx utli .

**5.4** Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk id-delegi humiex ser ikunu individwali bħal ma jagħmlu l-Kunsilli oħra.

**5.5** Is-Sinjura Magda Magri Naudi, Viċi Sindku issuġerit u l-Kunsill qabel unanimamint li għandhom jinħatru sotto kumitati minn kull żona.

## 5 PREMISES TAL-KUNSILL

6.1 Dr. Marc Sant staqsa jekk jistax jibda' bil-proċedura biex jinbnew uffiċċini ġodda Amministrattivi għall-Kunsill ta' Ħal Lija.

6.2 Dr.Ian Castaldi Paris, qal li kien għadu kemm tkellem mad-Direttur tal-Lands ftit tal-jiem ilu u hu tkellem miegħu dwar dan.

6.3 Id-Direttur tal-Lands tah il-'go ahead' biex jiġi allokkat 'site' u nibdew imexxu.

6.4 Lokazzjoni li issemmiet hija fuq il-Boċċi Club fiċ-Ċentru Rekreattiv u l-Kunsill qabel fuq din il-lokazzjoni.

## 7 APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' PAGAMENTI

7.1 Is-Sinjura Georgette Borg ressqet lista ta' pagmenti għax-xahar ta' Marzu 2013.

7.2 Hija qalet li għalkemm il-pagament ta' Polidano Bros, kien lest dan ma kienx ser jingħata qabel il-kuntrattur ilesti is-Snag list li kienet intbagħtet mal-pagament ta' qabel kif kien gie deciz mill-Kunsill.

7.3 Dr. Marc Sant staqsa fuq il-pagamenti tal-live Crib.

7.4 Is-Sinjura Georgette Borg qalet li dawn il-pagamenti flimkien mal-pagamenti tal-Festival taċ-Ċitru iridu jgħaddu għand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex ikun jistgħu jgħaddu il-Fondi lill-Kunsill.

7.5 Is-Sinjura Magda Magri Naudi irrimarkat fuq il-pagamenti tal-Każin San Piju X.

## 8 GĦAQDIET TAR-RAĦAL

8.1 Il-Kunsill qabel unanimanet li għandhom jiltaqgħu ma' l-għaqdiet tar-raħal biex jispjegawlhom li l-Kunsill għandu budget limitat u ma jistax jibqa' jagħati għajnuna finanzjarja għal kull attivita' li ssir.

8.2 Is-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li avviċina Dun Ġużepp Fenech biex jara jekk il-Kunsill hux ser jerġa jħallas parti mir-rivista ta' Villa Lia bil-kulur.

8.3 Il-Kunsill qabel unanimament li ma tinghatax din l-għotja għal din ir-rivista għalhekk ma hemmx bżonn li din ir-rivista tigi ippublikata bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

8.4 Is-Sindku qal u l-Kunsill qabel li mil-llum il-quddiem irridu naraw x'attivitajiet itellgħu l-għaqdiet qabel ma tingħata għajnuna finanzjarja.

## 9 UIF APPLICATION AND PENDING WORKS

9.1 Is-Sinjura Georgette Borg qalet li kienet bagħtet reminder lill-Perit fuq ir-requests li għamlu l-MEPA fuq l-applikazzjoni tal-UIF għax li din għada pendenti.

9.2 Hija qalet ukoll li għad hemm pending works u li dawn iridu isiru.

9.3 Il-Kunsill qabel li dawn għandna nagħtuhom prijorita.

## 10 PROBLEMI TAT-TRAFFIKU F'ĦAL LIJA

10.1 Is-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li għandna naraw x'azzjoni għandha tittieħed biex il-problemi tat-traffiku ma jibqawx pendenti.

## 11 BUDGET

11.1 Is-Sindku qal li għandu jiġu ippreparat Budget għall-laqgħa li jmiss u 'l-bank statements' riċenti biex il-Kunsill il-ġdid ikun jaf x'għandu x' jonfoq u jkun jista' jaghmel il-pjanijiet tieghu.

11.2 Il-Kunsill unanimament qabel biex dan isir.

## 12 AGENT SEGRETARJU GHALL-KUNSILL LOKALI TA' HAL LIJA

12.1 Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris informa lill-Kunsill li d-Dipartiment appunta lis-Sinjorina Gabriella Agius li hija Segretarja Eżekuttiva tal-Belt, bħala Agent Segretarju fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija.

## 13 L-EWWEL LAQGĦA TAL-KUNSILL IL-ĠDID

13.1 Il-Kunsill qabel li l-ewwel laqgħa tal-Kunsill il-ġdid ser issir nhar il-Ġimgħa 5 ta' April 2013 bl-Agenda Ħatra ta' Sindku u Viċi Sindku, ilmenti u xogħolijiet pendenti.

Il-laqgħa intemmet fit-6:30 p.m.

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Ms Gabriella Aguis |
| Sindku | Agent Segretarju Eżekuttiv |